IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 24.7.2019
COM(2019) 374 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL**

**Regoli dwar il-protezzjoni tad-*data* bħala faċilitatur tal-fiduċja fl-UE u lil hinn — nieħdu kont**

MT MT

**Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill**

# Regoli dwar il-protezzjoni tad-*data* bħala faċilitatur tal-fiduċja fl-UE u lil hinn — nieħdu kont

## I. Introduzzjoni

Ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*[1] (minn hawn' il quddiem "ir-Regolament") ilu japplika fl-Unjoni Ewropea kollha għal aktar minn sena. Huwa fiċ-ċentru ta' xenarju koerenti u modernizzat tal-protezzjoni tad-*data* tal-UE li jinkludi wkoll id-Direttiva dwar l-Infurzar tal-Liġi dwar il-Protezzjoni tad-*Data*[2] u r-Regolament dwar il-Protezzjoni tad-*Data* għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE[3]. Dan il-qafas għandu jitlesta mir-Regolament dwar il-Privatezza Elettronika li bħalissa jinsab fil-proċess leġiżlattiv.

Regoli b'saħħithom dwar il-protezzjoni tad-*data* huma essenzjali biex jiggarantixxu d-dritt fundamentali għall-protezzjoni tad-*data* personali. Huma ċentrali għal soċjetà demokratika[4] u komponent importanti ta' ekonomija mmexxija mid-*data*. L-UE taspira li taħtaf il-ħafna opportunitajiet li toffri t-trasformazzjoni diġitali f'termini ta' servizzi, impjiegi u innovazzjoni, filwaqt li fl-istess ħin tindirizza l-isfidi li dawn iġibu magħhom. Is-serq tal-identità, it-tnixxijiet ta' *data* sensittiva, id-diskriminazzjoni ta' individwi, il-preġudizzju intrinsiku, il-kondiviżjoni ta' kontenut illegali u l-iżvilupp ta' għodod ta' sorveljanza intrużiva huma biss ftit eżempji ta' kwistjonijiet li qed jidhru dejjem aktar fid-dibattitu pubbliku fejn huwa ċar li n-nies jistennew li d-*data* tagħhom tiġi protetta.

Il-protezzjoni tad-*data* saret tassew fenomenu globali hekk kif in-nies madwar id-dinja qed jgħożżu u japprezzaw dejjem aktar il-protezzjoni u s-sigurtà tad-*data* tagħhom. Ħafna pajjiżi adottaw jew jinsabu fil-proċess li jadottaw regoli komprensivi dwar il-protezzjoni tad-*data* bbażati fuq prinċipji simili għal dawk tar-Regolament, li jirriżultaw f'konverġenza globali tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data*. Dan joffri opportunitajiet ġodda biex jiġu ffaċilitati l-

---

1 Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1): https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A32016R0679

2 Id-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI, ĠU L 119, 4.5.2016: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MTLL/?uri=celex:32016L0680. Id-Direttiva kellha tiġi trasposta mill-Istati Membri sas-6 ta' Mejju 2016. Ir-Rapporti tal-Unjoni tas-Sigurtà jipprovdu s-sitwazzjoni attwali dwar it-traspożizzjoni tagħha.

3 Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE, ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39-98: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MTXT/?uri=CELEX%3A32018R1725. Dan beda japplika fil-11 ta' Diċembru 2018.

4 Il-Qorti Suprema Indjana, f'sentenza storika tal-24 ta' Awwissu 2017, irrikonoxxiet il-privatezza bħala dritt fundamentali, "aspett essenzjali tad-dinjità tal-bniedem".

flussi tad-*data*, bejn l-operaturi kummerċjali jew l-awtoritajiet pubbliċi, filwaqt li jitjieb il-livell ta' protezzjoni għad-*data* personali fl-UE u madwar id-dinja.

Il-protezzjoni tad-*data* qed tittieħed b'mod aktar serju minn qatt qabel u għandha impatt wiesa' fuq il-partijiet interessati u s-setturi differenti. Il-Kummissjoni hija determinata li tmexxi lill-UE għal implimentazzjoni b'suċċess tar-reġim il-ġdid tal-protezzjoni tad-*data* u li tappoġġa l-aspetti kollha tagħha li din issir operazzjonali b'mod sħiħ. B'din il-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni tqis ir-riżultati miksuba f'dak li għandu x'jaqsam mal-implimentazzjoni konsistenti tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data* madwar l-UE, il-funzjonament tas-sistema l-ġdida ta' governanza, l-impatt fuq iċ-ċittadini u n-negozji u l-isforzi tal-UE fil-promozzjoni ta' konverġenza globali tar-reġimi tal-protezzjoni tad-*data*. Hija ssegwi fuq il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tar-Regolament ta' Jannar 2018[5], u ġiet infurmata bil-ħidma tal-Grupp ta' Diversi Partijiet Interessati[6], b'mod partikolari l-kontribut tiegħu għall-eżerċizzju ta' rendikont ta' sena kif ukoll id-diskussjonijiet li saru waqt l-avveniment ta' rendikont organizzat mill-Kummissjoni fit-13 ta' Ġunju 2019[7]. Din il-Komunikazzjoni hija wkoll kontribuzzjoni għar-reviżjoni li l-Kummissjoni qed tippjana li twettaq sa Mejju 2020.[8].

Il-qafas leġiżlattiv tal-UE dwar il-protezzjoni tad-*data* huwa wieħed mill-pedamenti tal-approċċ Ewropew għall-innovazzjoni ċentrika fuq il-bniedem. Qed issir parti mill-art regolatorja għal firxa usa' ta' politiki inklużi s-saħħa u r-riċerka, l-intelliġenza artifiċjali, it-trasport, l-enerġija, il-kompetizzjoni u l-infurzar tal-liġi. Il-Kummissjoni enfasizzat b'mod konsistenti l-importanza ta' implimentazzjoni u infurzar xierqa tar-regoli l-ġodda dwar il-protezzjoni tad-*data*, kif enfasizzat fil-Komunikazzjoni tagħha dwar l-applikazzjoni tar-Regolament maħruġ f'Jannar 2018 u l-Gwida dwar l-użu tad-*data* personali fil-kuntest elettorali ppubblikata f'Settembru 2018[9]. Fiż-żmien ta' din il-Komunikazzjoni, kien hemm ħafna progress lejn dan l-objettiv, għalkemm hija ċertament meħtieġa aktar ħidma biex ir-Regolament isir kompletament operattiv.

---

5 Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill "Protezzjoni aktar qawwija, opportunitajiet ġodda — Gwida tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni diretta tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data* mill-25 ta' Mejju 2018", COM(2018) 43 final: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?qid=1517578296944&uri=CELEX%3A52018DC0043.

6 Il-grupp ta' Diversi Partijiet Interessati dwar ir-Regolament imwaqqaf mill-Kummissjoni jinvolvi lis-soċjetà ċivili u lir-rappreżentanti tan-negozju, lill-akkademiċi u lill-prattikanti: https://ec.europa.eu/transparency/regexpert/index.cfm?do=groupDetail.groupDetail&groupID=3537&Lang=MT.

7 http://europa.eu/rapid/press-release_IP-19-2956_mt.htm.

8 L-Artikolu 97 tar-Regolament.

9 "Gwida tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-*data* fil-kuntest elettorali", COM(2018) 638 final: https://ec.europa.eu/commission/sites/beta-political/files/soteu2018-data-protection-law-electoral-guidance-638_en.pdf.

## II. Kontinent wieħed, liġi waħda: il-qafas tal-protezzjoni tad-*data* jinsab fis-seħħ fl-Istati Membri

Wieħed mill-għanijiet ewlenin tar-Regolament kien li jelimina x-xenarju fframmentat ta’ 28 liġi nazzjonali differenti li kienu jeżistu taħt id-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-*Data*[10] preċedenti u li jipprovdi ċertezza legali għall-individwi u n-negozji fl-UE kollha. Dak l-objettiv intlaħaq fil-biċċa l-kbira tiegħu.

*L-armonizzazzjoni tal-qafas legali*

Għalkemm ir-Regolament huwa direttament applikabbli fl-Istati Membri, huwa jobbligahom jieħdu għadd ta’ passi legali fil-livell nazzjonali, b’mod partikolari biex jistabbilixxu u jallokaw setgħat lill-awtoritajiet nazzjonali tal-protezzjoni tad-*data*[11], jistabbilixxu regoli dwar kwistjonijiet speċifiċi, bħar-rikonċiljazzjoni tal-protezzjoni tad-*data* personali mal-libertà tal-espressjoni u l-informazzjoni, u jemendaw jew iħassru leġiżlazzjoni settorjali b’aspetti tal-protezzjoni tad-*data*. Fiż-żmien ta’ din il-Komunikazzjoni, l-Istati Membri kollha ħlief tlieta[12] aġġornaw il-liġi nazzjonali tagħhom dwar il-protezzjoni tad-*data*. Il-ħidma fuq l-adattament tal-liġijiet settorjali għadha għaddejja fil-livell nazzjonali. Wara l-inkorporazzjoni tagħha fil-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, l-applikazzjoni tar-Regolament ġiet estiża għan-Norveġja, l-Islanda u l-Lichtenstein li adottaw ukoll il-liġi nazzjonali tagħhom dwar il-protezzjoni tad-*data*.

Madankollu, il-partijiet ikkonċernati jitolbu grad ogħla ta’ armonizzazzjoni f’ċerti oqsma[13]. Fil-fatt, ir-Regolament jippermetti lill-Istati Membri skop biex jispeċifikaw aktar l-applikazzjoni tiegħu f’ċerti oqsma bħall-età tal-kunsens mit-tfal għal servizzi online[14] jew l-ipproċessar ta’ *data* personali f’oqsma bħall-mediċina u s-saħħa pubblika. F’dan il-każ, l-azzjoni tal-Istati Membri hija magħmula minn żewġ elementi:

i) kwalunkwe liġi nazzjonali ta’ speċifikazzjoni għandha tissodisfa r-rekwiżiti tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali[15] (u ma tmurx lil hinn mil-limiti stabbiliti mir-Regolament li jibni fuq il-Karta);
ii) dan jista’ ma jkollux effett fuq il-fluss liberu ta’ *data* personali fl-UE[16].

F’xi każijiet, l-Istati Membri introduċew rekwiżiti nazzjonali fuq ir-Regolament, b’mod partikolari permezz ta’ bosta liġijiet settorjali u dan iwassal għal frammentazzjoni u għal

---

[10] Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi f'dak li jirrigwarda l-ipproċessar tad-*data* personali u tal-moviment ħieles ta' tali *data*: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MTXT/?uri=celex:31995L0046.

[11] Bħal pereżempju s-setgħa li jiġu imposti multi amministrattivi.

[12] Mit-23 ta’ Lulju 2019, il-Greċja, il-Portugall u s-Slovenja għadhom fil-proċess li jadottaw il-liġi nazzjonali tagħhom.

[13] Ara r-rapport tal-Grupp ta’ Diversi Partijiet dwar ir-Regolament maħruġ fit-13 ta’ Ġunju 2019: http://ec.europa.eu/transparency/regexpert/index.cfm?do=groupDetail.groupMeeting&meetingId=15670.

[14] 13-il sena għall-Belġju, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, il-Latvja, Malta, l-Iżvezja u r-Renju Unit; 14-il sena għall-Awstrija, il-Bulgarija, Ċipru, Spanja, l-Italja u l-Litwanja; 15-il sena għaċ-Ċekja u Franza; 16-il sena għall-Ġermanja, l-Ungerija, il-Kroazja, l-Irlanda, il-Lussemburgu, in-Netherlands, il-Polonja, ir-Rumanija u s-Slovakkja.

[15] L-Artikolu 8.

[16] Skont l-Artikolu 16(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

riżultati fil-ħolqien ta' piżijiet mhux meħtieġa. Eżempju ta' rekwiżit addizzjonali introdott mill-Istati Membri fuq ir-Regolament huwa l-obbligu skont il-leġiżlazzjoni Ġermaniża li jinħatar Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*data* f'kumpaniji b'20 impjegat jew involut b'mod aktar permanenti fl-ipproċessar awtomatizzat tad-*data* personali.

*It-tkomplija tal-isforzi lejn armonizzazzjoni akbar*

Il-Kummissjoni timpenja ruħha fi djalogi bilaterali mal-awtoritajiet nazzjonali, fejn tagħti attenzjoni partikolari lill-miżuri nazzjonali fir-rigward ta':

- l-indipendenza effettiva tal-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data*, inkluż permezz ta' riżorsi finanzjarji, umani u tekniċi adegwati;
- kif il-liġijiet nazzjonali jirrestrinġu d-drittijiet tas-suġġetti tad-*data*;
- il-fatt li l-leġiżlazzjoni nazzjonali ma għandhiex tintroduċi rekwiżiti li jmorru lil'hinn mir-Regolament meta ma hemmx marġini għal speċifikazzjoni, bħal kundizzjonijiet addizzjonali għall-ipproċessar;
- l-issodisfar tal-obbligu ta' rikonċiljazzjoni tad-dritt għall-protezzjoni ta' *data* personali mal-libertà ta' espressjoni u ta' informazzjoni, b'kont meħud li dan l-obbligu ma għandux jintuża b'mod ħażin biex jinħoloq effett dissważiv fuq ix-xogħol ġurnalistiku.

Il-ħidma tal-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data*, li jikkooperaw fil-kuntest tal-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ("il-Bord"), hija mutur ewlieni għal applikazzjoni konsistenti tar-regoli l-ġodda: azzjonijiet ta' infurzar li jaffettwaw diversi Stati Membri jgħaddu minn mekkaniżmu ta' kooperazzjoni u konsistenza[17] fi ħdan il-Bord u l-linji gwida adottati mill-Bord jikkontribwixxu għal fehim armonizzat tar-Regolament. Madankollu, hemm stennija min-naħa tal-partijiet interessati biex l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data* jmorru lil'hinn f'din id-direzzjoni.

Ix-xogħol tal-qrati nazzjonali u tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea qed jgħin ukoll biex tinħoloq interpretazzjoni konsistenti tar-regoli tal-protezzjoni tad-*data*. Il-qrati nazzjonali reċentement ħarġu sentenzi li jinvalidaw dispożizzjonijiet fil-liġijiet nazzjonali li jmorru lil hinn mir-Regolament[18].

## III. Il-biċċiet kollha tas-sistema l-ġdida ta' governanza qed jidħlu f'posthom

Ir-Regolament ħoloq struttura ġdida ta' governanza, li tqiegħed fiċ-ċentru tagħha l-awtoritajiet nazzjonali indipendenti tal-protezzjoni tad-*data*, bħala infurzaturi tar-Regolament u l-ewwel punti ta' kuntatt għall-partijiet interessati. Filwaqt li l-biċċa l-kbira tal-awtoritajiet tal-

[17] L-Artikolu 60 tar-Regolament jipprovdi għal kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data* biex tiġi applikata interpretazzjoni waħda biss tar-Regolament f'każijiet konkreti. L-Artikolu 64 jipprevedi li f'ċerti każijiet il-Bord joħroġ opinjonijiet sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni konsistenti tar-Regolament. Fl-aħħar nett, il-bord ingħata s-setgħa li jadotta deċiżjonijiet vinkolanti indirizzati lill-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data* f'każ ta' nuqqas ta' qbil bejniethom.

[18] Dan kien il-każ fil-Ġermanja u fi Spanja.

protezzjoni tad-*data* bbenefikaw f'din l-aħħar sena minn żieda fir-riżorsi, għad hemm differenzi kbar bejn l-Istati Membri[19].

*L-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data jużaw is-setgħat ġodda tagħhom*

Ir-Regolament jagħti setgħat ta' infurzar aktar b'saħħithom lill-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data*. Għall-kuntrarju ta' tħassib espress minn xi partijiet interessati qabel Mejju 2018, l-awtoritajiet nazzjonali tal-protezzjoni tad-*data* adottaw approċċ ibbilanċjat għas-setgħat ta' infurzar. Iffukaw fuq id-djalogu aktar milli fuq is-sanzjonijiet, b'mod partikolari għall-iżgħar operaturi li ma jipproċessawx *data* personali bħala attività ewlenija. Fl-istess ħin, huma ma joqgħodux lura milli jużaw is-setgħat ġodda tagħhom b'mod effettiv kull meta dan kien meħtieġ, inkluż billi nedew investigazzjonijiet fil-qasam tal-midja soċjali[20] u imponew multi amministrattivi li jvarjaw minn ftit eluf ta' euro għal diversi miljuni, skont il-gravità tal-ksur tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data*.

Eżempji ta' multi imposti mill-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data*[21]:

- EUR 5 000 fuq café tal-isports fl-Awstrija, għal sorveljanza bil-video kontra l-liġi;
- EUR 220 000 fuq kumpanija intermedjarja tad-*data* fil-Polonja talli naqset milli tinforma lill-individwi li d-*data* tagħhom kienet qed tiġi pproċessata;
- EUR 250 000 imposti fuq il-Lague tal-futbol Spanjol LaLiga, għal nuqqas ta' trasparenza fid-disinn tal-applikazzjoni tal-ismartphone tiegħu;
- EUR 50 miljun fuq Google fi Franza, minħabba l-kundizzjonijiet biex jinkiseb kunsens mill-utenti.

Meta jwettqu investigazzjonijiet, huwa essenzjali li l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data* jiġbru evidenza rilevanti, jirrispettaw il-passi proċedurali kollha taħt il-leġiżlazzjoni nazzjonali u jiżguraw proċess dovut f'fajls ħafna drabi kumplessi. Dan jeħtieġ iż-żmien u jinvolvi ammont sinifikanti ta' xogħol, li jispjega għaliex ħafna mill-investigazzjonijiet imnedija wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament għadhom għaddejjin.

Minkejja dan, is-suċċess tar-Regolament m'għandux jitkejjel mill-għadd ta' multi imposti, iżda minn bidliet fil-kultura u l-imġiba tal-atturi kollha involuti. F'dan il-kuntest, l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data* għandhom għodod oħra għad-dispożizzjoni tagħhom bħall-impożizzjoni ta' limitazzjoni temporanja jew definittiva fuq l-ipproċessar inkluża projbizzjoni jew l-ordni tas-sospensjoni ta' flussi ta' *data* lil riċevitur f'pajjiż terz[22].

Uħud mill-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data* ħolqu għodod ġodda, bħal linji ta' għajnuna u settijiet ta' għodod għan-negozji filwaqt li oħrajn żviluppaw approċċi ġodda, bħal sandboxes

---

[19] https://edpb.europa.eu/sites/edpb/files/files/file1/19_2019_edpb_written_report_to_libe_en.pdf

[20] pereżempju, il-Kummissjoni Irlandiża għall-Protezzjoni tad-*Data* fetħet 15 investigazzjoni formali fir-rigward tal-konformità ta' kumpaniji tat-teknoloġija multinazzjonali mar-Regolament. Ara paġna 49 tar-rapport annwali tal-2018 tal-Kummissjoni dwar il-Protezzjoni tad-*data*: https://www.dataprotection.ie/en/news-media/press-releases/dpc-publishes-annual-report-25-may-31-december-2018.

[21] Diversi deċiżjonijiet li jimponu multi għadhom soġġetti għal stħarriġ ġudizzjarju.

[22] Artikolu 58(2)(f) u (j).

regolatorji[23] biex jgħinu lil kumpaniji fl-isforzi tagħhom ta' konformità. Madankollu, għadd ta' partijiet ikkonċernati għadhom iqisu li ma rċevewx biżżejjed appoġġ u informazzjoni, b'mod partikolari intrapriżi żgħar u ta' daqs medju f'xi Stati Membri[24]. Biex tgħin tirrimedja din is-sitwazzjoni, il-Kummissjoni tipprovdi għotjiet lill-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data* biex jilħqu lill-partijiet ikkonċernati, b'mod partikolari l-individwi u l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju[25].

*Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-data huwa operattiv*

L-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data intensifikaw il-ħidma tagħhom fil-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*[26]. Dan ix-xogħol intensiv ippermetta li l-Bord jadotta madwar 20 linja gwida dwar aspetti ewlenin tar-Regolament[27]. L-oqsma ta' ħidma futuri tal-Bord huma ppreżentati fi programm ta' sentejn[28] kif meħtieġ mir-Regolament.

F'każijiet transfruntiera, kull awtorità tal-protezzjoni tad-*data* m'għadhiex sempliċiment awtorità nazzjonali iżda hija parti minn proċess verament mifrux mal-UE kollha fl-istadji kollha, mill-investigazzjoni għad-deċiżjoni. Tali kooperazzjoni mill-qrib saret prattika ta' kuljum: sal-aħħar ta' Ġunju 2019, 516 każ transkonfinali kienu ġew ġestiti permezz tal-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni.

Il-Kummissjoni tikkontribwixxi b'mod attiv għall-ħidma tal-Bord[29] biex tippromwovi l-ittra u l-ispirtu tar-Regolament, u tfakkar fil-prinċipji ġenerali tal-liġi tal-UE[30].

*Lejn il-ħolqien ta' kultura ta' protezzjoni tad-data tal-UE*

Is-sistema l-ġdida ta' governanza għad trid tilħaq il-potenzjal sħiħ tagħha. Huwa importanti li l-Bord jissimplifika aktar it-teħid tad-deċiżjonijiet tiegħu u jiżviluppa kultura komuni tal-UE għall-protezzjoni tad-*data* fost il-membri tiegħu. Il-possibbiltajiet għall-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data* li jgħaqqdu l-isforzi[31] tagħhom dwar kwistjonijiet li jaffettwaw aktar

---

23 https://ico.org.uk/about-the-ico/news-and-events/news-and-blogs/2018/09/ico-call-for-views-on-creating-a-regulatory-sandbox/

24 Ara r-rapport tal-Grupp ta' Diversi Partijiet dwar il-GDPR: http://ec.europa.eu/transparency/regexpert/index.cfm?do=groupDetail.groupMeeting&meetingId=15670

25 EUR 2 miljun allokati għal disa' awtoritajiet għall-protezzjoni tad-*data* fl-2018 għal attivitajiet fl-2018-2019: Il-Belġju, il-Bulgarija, id-Danimarka, l-Ungerija, il-Litwanja, il-Latvja, in-Netherlands, is-Slovenja u l-Iżlanda: https://ec.europa.eu/info/funding-tenders/opportunities/portal/screen/opportunities/topic-details/rec-rdat-trai-ag-2017;
EUR 1 miljun għandhom jiġu allokati fl-2019: https://ec.europa.eu/info/funding-tenders/opportunities/portal/screen/opportunities/topic-details/rec-rdat-trai-ag-2019.

26 Il-Bord għandu personalità ġuridika u huwa magħmul mill-kapijiet tal-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza tal-protezzjoni tad-*data* u l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*.

27 https://edpb.europa.eu/our-work-tools/general-guidance/gdpr-guidelines-recommendations-best-practices_en

28 https://edpb.europa.eu/our-work-tools/our-documents/publication-type/work-program_en

29 Bħala parteċipant mingħajr id-dritt tal-vot.

30 Il-Kummissjoni għenet ukoll biex twaqqaf l-istabbiliment tal-Bord u tappoġġa l-funzjonament tagħha billi tipprovdi s-sistema ta' komunikazzjoni tagħha.

31 L-Artikolu 62 tar-Regolament.

minn Stat Membru wieħed, pereżempju biex iwettqu investigazzjonijiet konġunti u miżuri ta' infurzar, jistgħu jikkontribwixxu għal tali objettiv filwaqt li jtaffu r-restrizzjonijiet tar-riżorsi.

Ħafna partijiet interessati jixtiequ jaraw aktar kooperazzjoni u approċċ uniformi mill-awtoritajiet nazzjonali tal-protezzjoni tad-*data*[32]. Huma jitolbu wkoll aktar konsistenza fil-parir ipprovdut mill-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data*[33], u allinjament sħiħ tal-linji gwida nazzjonali ma' dawk tal-Bord. Xi wħud jistennew ukoll kjarifiki ulterjuri ta' kunċetti ewlenin tar-Regolament bħall-approċċ ibbażat fuq ir-riskju, filwaqt li jitqies b'mod partikolari t-tħassib b'mod partikolari ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.

F'dan il-kuntest, huwa essenzjali li l-partijiet interessati jkunu jistgħu jikkontribwixxu aħjar għall-ħidma tal-Bord. Huwa għalhekk li l-Kummissjoni tilqa' l-konsultazzjoni pubblika sistematika organizzata mill-Bord dwar il-linji gwida. Din il-prattika, flimkien mal-organizzazzjoni ta' sessjonijiet ta' ħidma għall-partijiet interessati dwar suġġetti mmirati fi stadju bikri tar-riflessjoni, għandha titkompla u tiġi amplifikata biex jiġu żgurati t-trasparenza, l-inklużività u r-rilevanza tal-ħidma tal-Bord.

## IV. L-individwi jagħmlu użu mid-drittijiet tagħhom iżda jenħtieġ li tkompli tiżdied is-sensibilizzazzjoni

Għan ewlieni ieħor tar-Regolament kien li jissaħħu d-drittijiet tal-individwi. Ir-Regolament huwa ikkunsidrat b'mod ġenerali minn assoċjazzjonijiet tad-drittijiet ċivili u organizzazzjonijiet tal-konsumatur bħala kontribut importanti għal soċjetà diġitali ġusta mibnija fuq fiduċja reċiproka.

*Għarfien iktar b'saħħtu tad-drittijiet tal-protezzjoni tad-data*

L-individwi fl-UE qed isiru dejjem aktar konxji tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data* u tad-drittijiet tagħhom: 67 % ta' dawk li wieġbu għall-Ewrobarometru ta' Mejju 2019[34] huma konxji minn dan ir-Regolament u 57 % jafu li hemm awtorità nazzjonali għall-protezzjoni tad-*data* li għaliha jistgħu jduru għal informazzjoni jew li jressqu lmenti. 73 % semgħu dwar mill-inqas wieħed mid-drittijiet mogħtija mir-Regolament. Madankollu, numru mdaqqas ta' individwi fl-UE għadhom ma jieħdux passi attivi biex jipproteġu d-*data* personali tagħhom meta jmorru online. Pereżempju, 44 % tal-individwi ma biddlux is-settings tal-privatezza li jiġu applikati b'mod awtomatiku tagħhom fuq in-netwerks soċjali.

*L-individwi qed jeżerċitaw dejjem aktar id-drittijiet tagħhom*

Din iż-żieda fl-għarfien tad-drittijiet wasslet biex l-individwi jeżerċitawhom b'mod aktar intensiv permezz ta' mistoqsijiet dwar il-klijenti u billi jirrikorru aktar ta' spiss lill-awtoritajiet

---

32 Ara r-rapport tal-Grupp ta' Diversi Partijiet dwar ir-Regolament: http://ec.europa.eu/transparency/regexpert/index.cfm?do=groupDetail.groupMeeting&meetingId=15670. Pereżempju, in-negozji jemmnu li l-listi nazzjonali tat-tipi ta' operazzjonijiet ta' pproċessar li jeħtieġu valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-*data* skont l-Artikolu 35 tar-Regolament setgħu ġew armonizzati aħjar.

33 Inkluż bejn id-diversi awtoritajiet fl-istati federali.

34 http://europa.eu/rapid/press-release_IP-19-2956_mt.htm

tal-protezzjoni tad-*data* biex jitolbu informazzjoni jew iressqu lmenti[35]. In-negozji jirrappurtaw ukoll li t-talbiet għall-aċċess għad-*data* personali żdiedu f'diversi setturi, bħas-servizzi bankarji u tat-telekomunikazzjonijiet. L-individwi wkoll ta' spiss irtiraw il-kunsens tagħhom u eżerċitaw id-dritt tagħhom li joġġezzjonaw għall-komunikazzjonijiet kummerċjali[36].

Madankollu, xi operaturi rrappurtaw nuqqas ta' ftehim minn individwi dwar ir-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data*, bħat-twemmin li l-individwi għandhom jagħtu l-kunsens għall-ipproċessar kollu, jew li d-dritt għat-tħassir huwa assolut (filwaqt li pereżempju *data* personali xi drabi trid tinżamm mill-operaturi minħabba obbligi legali)[37]. Min-naħa tagħhom, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jilmentaw dwar dewmien twil biex iwieġbu minn xi awtoritajiet tan-negozju u tal-protezzjoni tad-*data*.

B'mod importanti, diversi azzjonijiet rappreżentattivi ġew imnedija minn organizzazzjonijiet mhux governattivi wara li ngħataw mandat minn individwi, bl-użu tal-possibbiltà l-ġdida skont ir-Regolament[38]. Ir-rikors għal azzjonijiet rappreżentattivi kien ikun aktar faċli kieku l-Istati Membri kienu għamlu użu mill-possibbiltà prevista mir-Regolament biex jippermettu lill-organizzazzjonijiet mhux governattivi jniedu azzjonijiet mingħajr mandat[39].

*Il-ħtieġa li jitkomplew l-isforzi ta' sensibilizzazzjoni*

Għalhekk, l-isforzi ta' djalogu u ta' sensibilizzazzjoni dwar il-pubbliku ġenerali għandhom ikomplu fil-livell nazzjonali u f'dak tal-UE. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni nediet kampanja online ġdida f'Lulju 2019[40] biex tħeġġeġ lill-individwi biex jaqraw id-dikjarazzjonijiet ta' privatezza u biex jottimizzaw is-settings tal-privatezza tagħhom.

## V. In-negozji qed jadattaw il-prattiki tagħhom

Ir-Regolament għandu l-għan li jappoġġa n-negozji fl-ekonomija diġitali billi joffri soluzzjonijiet li jibqgħu validi fil-futur. B'mod ġenerali, in-negozji jilqgħu l-prinċipju ta' responsabbiltà tar-Regolament li jitbiegħed mill-approċċ preċedenti ta' piż *ex ante* (l-eliminazzjoni tar-rekwiżiti ta' notifika, l-iskalabbiltà tal-obbligi, u l-flessibbiltà tal-protezzjoni tad-*data* mid-disinn u b'prinċipju awtomatiku li jippermetti l-kompetizzjoni abbażi ta' soluzzjonijiet favur il-privatezza). Fl-istess ħin, xi wħud isejħu għal aktar ċertezza legali u linji gwida addizzjonali jew aktar ċari mill-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data*[41].

*Ġestjoni soda tad-data*

---

35 https://ec.europa.eu/commission/sites/beta-political/files/infographic-gdpr_in_numbers_1.pdf
36 Ara r-rapport tal-Grupp Multilaterali dwar ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*.
37 Ara r-rapport tal-Grupp Multilaterali dwar ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*.
38 L-Artikolu 80(1) tar-Regolament.
39 L-Artikolu 80(2) tar-Regolament.
40 Dan isegwi kampanja preċedenti mmirata lejn it-tixrid ta' materjal ta' informazzjoni għall-individwi u n-negozji disponibbli fuq: https://ec.europa.eu/commission/priorities/justice-and-fundamental-rights/data-protection/2018-reform-eu-data-protection-rules_mt
41 Ara r-rapport tal-Grupp ta' Diversi Partijiet dwar ir-Regolament.

Filwaqt li l-kumpaniji jirrapportaw għadd ta' sfidi biex jaġġustaw għar-regoli l-ġodda[42], ħafna jenfasizzaw li din kienet ukoll opportunità biex tinġibed l-attenzjoni tal-bordijiet tal-kumpaniji fuq il-kwistjoni tal-protezzjoni tad-*data*, biex jorganizzaw kif suppost l-affarijiet tagħhom f'termini tad-*data* li jkollhom, itejbu s-sigurtà, ikunu mħejjija aħjar għal inċidenti, inaqqsu l-esponiment għal riskji bla bżonn u jibnu relazzjonijiet ta' fiduċja mal-konsumaturi u s-sħab kummerċjali tagħhom. Dwar it-trasparenza, in-negozju u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jsemmu l-bilanċ delikat li għandu jinstab bejn l-għoti tal-informazzjoni kollha meħtieġa lill-individwi skont ir-Regolament filwaqt li jintuża wkoll lingwaġġ ċar u sempliċi u forma li l-individwi jistgħu jifhmu. L-operaturi qed jiżviluppaw soluzzjonijiet innovattivi f'din id-direzzjoni.

B'mod ġenerali, in-negozji indikaw li kienu kapaċi jimplimentaw id-drittijiet il-ġodda tas-suġġett tad-*data*, għalkemm xi drabi kien diffiċli li jintlaħqu l-iskadenzi minħabba żieda fl-għadd ta' talbiet u l-karattru aktar wiesa' tagħhom[43], jew li tiġi verifikata l-identità tal-persuna li tkun qed tagħmel it-talba.

*Impatt fuq l-innovazzjoni*

Ir-Regolament mhux biss jippermetti iżda jinkoraġġixxi l-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda filwaqt li jirrispetta d-dritt fundamentali għall-protezzjoni tad-*data* personali. Dan huwa l-każ f'oqsma bħall-intelliġenza artifiċjali.

In-negozji bdew jiżviluppaw l-offerta tagħhom ta' servizzi ġodda li jirrispettaw aktar il-privatezza. Pereżempju, il-magni tat-tiftix li ma jintraċċawx l-utenti jew li jużaw reklamar ibbażat fuq l-imġiba qed jiksbu progressivament ishma tas-suq f'xi Stati Membri. Kumpaniji oħra qed jiżviluppaw servizzi li jibnu fuq drittijiet ġodda mogħtija lil individwi, bħall-portabbiltà tad-*data* personali tagħhom. Għadd dejjem akbar ta' negozji jippromovew ir-rispett għad-*data* personali bħala differenzjatur kompetittiv u punt ta' bejgħ. Dawn l-iżviluppi mhumiex limitati għall-UE iżda jikkonċernaw ukoll ekonomiji barranin innovattivi ħafna[44].

*Is-sitwazzjoni speċifika ta' intrapriżi mikro u żgħar "b'riskju baxx"*

Għalkemm is-sitwazzjoni tvarja bejn l-Istati Membri, l-intrapriżi mikro u żgħar[45] li ma jipproċessawx *data* personali bħala n-negozju ewlieni tagħhom, kienu fost il-partijiet interessati bl-aktar mistoqsijiet dwar l-applikazzjoni tar-Regolament. Filwaqt li dawn jidhru li huma parzjalment ġejjin minn nuqqas ta' għarfien tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data*, it-tħassib tagħhom ukoll xi drabi huwa aggravat minn kampanji ta' konsulenza li jfittxu li jipprovdu pariri bi ħlas, permezz tat-tixrid ta' informazzjoni mhux korretta, pereżempju dwar

---

42 L-aġġornament tas-sistema tal-IT spiss jissemma bħala waħda mill-isfida ewlenija, b'mod partikolari fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-protezzjoni tad-*data* bid-disinn u b'mod awtomatiku, id-dritt għat-tħassir fuq il-back-ups, eċċ.

43 In-negozji jsostnu wkoll għal linji gwida mill-Bord fuq talbiet bla bażi u eċċessivi.

44 Pereżempju, skont rapport ippubblikat mill-assoċjazzjoni tal-industrija taċ-ċibersigurtà tal-Iżrael, fl-2018, is-sottosettur tal-"Protezzjoni tad-*Data* u l-Privatezza" taċ-Ċibersigurtà kien is-sottosettur li qed jikber l-aktar malajr bħala riżultat parzjali tad-dħul fis-seħħ tal-GDPR.

45 Kif definit fid-definizzjoni ta' SME, disponibbli fuq: https://ec.europa.eu/growth/smes/business-friendly-environment/sme-definition_mt.

il-ħtieġa li jinkiseb kunsens mill-individwi[46], u minn rekwiżiti addizzjonali imposti fil-livell nazzjonali.

F'dan il-kuntest, l-intrapriżi mikro u żgħar qed jitolbu linji gwida li huma mfassla għas-sitwazzjoni speċifika tagħhom u li jipprovdu informazzjoni prattika ħafna. Xi awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data* diġà għamlu dan fil-livell nazzjonali[47]. Biex tissupplimenta inizjattivi nazzjonali, il-Kummissjoni ħarġet materjal ta' informazzjoni biex tgħin lil dawn il-kumpaniji jikkonformaw mar-regoli l-ġodda permezz ta' sensiela ta' passi prattiċi[48].

*Użu tal-għodda skont ir-Regolament*

Ir-Regolament jipprovdi għal għodod biex tintwera l-konformità, bħal klawżoli kuntrattwali standard, kodiċijiet ta' kondotta u l-mekkaniżmi ta' ċertifikazzjoni li għadhom kif ġew introdotti.

Klawżoli kuntrattwali standard huma klawżoli mudell li jistgħu jiġu inklużi fuq bażi volontarja f'kuntratt, pereżempju bejn kontrollur tad-*data* u proċessur tad-*data*, u li jistabbilixxu l-obbligi tal-partijiet kontraenti skont ir-Regolament. Ir-Regolament jespandi l-possibbiltajiet li jintużaw klawżoli kuntrattwali standard kemm għal trasferimenti internazzjonali kif ukoll fl-UE[49]. Fil-qasam tat-trasferimenti internazzjonali, l-użu wiesa' tagħhom jindika[50] li huma ta' għajnuna kbira għan-negozji fl-isforzi tagħhom ta' konformità u ta' benefiċċju partikolari għall-kumpaniji li ma għandhomx ir-riżorsi biex jinnegozjaw kuntratti individwali ma' kull wieħed mill-kuntratturi tal-ipproċessar tad-*data* tagħhom.

Għadd ta' setturi jqisu wkoll l-adozzjoni ta' klawżoli kuntrattwali standard bħala mod utli biex titrawwem l-armonizzazzjoni, b'mod partikolari meta tkun il-Kummissjoni li tadottahom. Il-Kummissjoni se taħdem flimkien mal-partijiet ikkonċernati biex tagħmel użu mill-possibbiltajiet previsti mir-Regolament u taġġorna l-klawżoli eżistenti.

Il-konformità mal-kodiċijiet ta' kondotta hija għodda operattiva u prattika oħra għad-dispożizzjoni tal-industrija biex tiffaċilita l-wiri tal-konformità mar-Regolament[51]. Dawk il-kodiċijiet għandhom jiġu żviluppati minn assoċjazzjonijiet kummerċjali jew korpi li jirrappreżentaw kategoriji ta' kontrolluri u proċessuri u għandhom jiddeskrivu kif ir-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data* jistgħu jiġu implimentati f'settur speċifiku. Billi jikkalibraw l-

---

[46] Fil-fatt, ir-Regolament ma jiddependix biss fuq il-kunsens iżda jipprovdi għal diversi raġunijiet legali għall-ipproċessar ta' *data* personali.

[47] Pereżempju, il-gwida żviluppata mill-awtorità Franċiża għall-protezzjoni tad-*data*: https://www.cnil.fr/fr/la-cnil-et-bpifrance-sassocient-pour-accompagner-les-tpe-et-pme-dans-leur-appropriation-du-reglement.

[48] https://ec.europa.eu/commission/sites/beta-political/files/ds-02-18-544-mt-n.pdf.

[49] Ara l-Artikolu 28 tar-Regolament. Il-klawżoli kuntrattwali standard adottati mill-Kummissjoni, għandhom validità madwar l-UE kollha. Għall-kuntrarju, dawk adottati skont l-Artikolu 28(8) minn awtorità tal-protezzjoni tad-*data* jorbtu biss lill-awtorità li adottathom u b'hekk tista' tintuża bħala klawżoli kuntrattwali standard għall-operazzjonijiet ta' pproċessar li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni ta' dik l-awtorità, skont l-Artikoli 55 u 56.

[50] Fil-fatt huma l-għodda ewlenija li fuqha l-kumpaniji jiddependu għall-esportazzjonijiet tad-*data* tagħhom.

[51] Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* adotta linji gwida dwar il-Kodiċijiet ta' kondotta fl-4 ta' Ġunju 2019. Huma jikkjarifikaw il-proċeduri u r-regoli involuti fis-sottomissjoni, l-approvazzjoni u l-pubblikazzjoni tal-kodiċijiet kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak tal-UE.

obbligi bir-riskji[52], jistgħu wkoll juru li huma mod utli u kost-effettiv ħafna għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom.

Fl-aħħar nett, iċ-ċertifikazzjoni tista' tkun ukoll strument utli biex tintwera l-konformità ma' rekwiżiti speċifiċi tar-Regolament. Dan jista' jżid iċ-ċertezza legali għan-negozji u jippromwovi r-Regolament globalment. Il-linji gwida dwar iċ-ċertifikazzjoni u l-akkreditament[53] adottati reċentement mill-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* jippermettu l-iżvilupp ta' skemi ta' ċertifikazzjoni fl-UE. Il-Kummissjoni se tkun qed timmonitorja dawn l-iżviluppi u, jekk ikun xieraq, se tuża s-setgħa mogħtija skont dan ir-Regolament biex tinkwadra r-rekwiżiti għaċ-ċertifikazzjoni. Il-Kummissjoni tista' wkoll toħroġ talba ta' standardizzazzjoni lill-korpi ta' standardizzazzjoni tal-UE dwar elementi rilevanti għar-Regolament.

## VI. Il-konverġenza 'l fuq miexja 'l quddiem fil-livell internazzjonali

Id-domanda għall-protezzjoni tad-*data* personali mhijiex limitata għall-UE. Kif intwera minn stħarriġ globali reċenti dwar is-sigurtà tal-internet, id-deficit ta' fiduċja qed jikber madwar id-dinja u dan iġiegħel lin-nies jibdlu l-mod kif iġibu ruħhom online[54]. Għadd dejjem jikber ta' kumpaniji qed jindirizzaw dan it-tħassib billi jestendu fuq l-inizjattiva tagħhom stess id-drittijiet maħluqa mir-Regolament għall-klijenti tagħhom li mhumiex ibbażati fl-UE.

Barra minn hekk, hekk kif il-pajjiżi madwar id-dinja qed jindirizzaw dejjem aktar sfidi simili, huma qed jgħammru lilhom infushom b'regoli ġodda dwar il-protezzjoni tad-*data* jew billi jimmodernizzaw dawk eżistenti. Dawn il-liġijiet spiss ikollhom numru ta' karatteristiċi komuni li huma kondiviżi mir-reġim tal-protezzjoni tad-*data* tal-UE, bħal leġiżlazzjoni globali aktar milli regoli settorjali, drittijiet individwali infurzabbli u awtorità superviżorja indipendenti. Din it-tendenza hija tassew globali, li tibda mill-Korea t'Isfel sall-Brażil, miċ-Ċili sat-Tajlandja, mill-Indja sal-Indoneżja. Is-sħubija dejjem aktar universali tal-"Konvenzjoni 108"[55] tal-Kunsill tal-Ewropa — li ġiet modernizzata[56] reċentement

---

52 Premessa 98 tar-Regolament.

53 https://edpb.europa.eu/our-work-tools/our-documents/guidelines/guidelines-12018-certification-and-identifying-certification_en; https://edpb.europa.eu/our-work-tools/our-documents/guidelines/guidelines-42018-accreditation-certification-bodies-under_en

54 Ara l-Istħarriġ Globali dwar is-Sigurtà u l-Fiduċja fl-Internet 2019 CIGI-Ipsos. Skont dak l-istħarriġ, 78 % tan-nies mistħarrġa kienu mħassba dwar il-privatezza online tagħhom, b'49 % jgħidu li n-nuqqas ta' fiduċja tagħhom ġabhom biex jiżvelaw inqas informazzjoni personali online, filwaqt li 43 % rrappurtaw li kienu qed jagħtu aktar attenzjoni biex jiżguraw is-sigurtà tal-apparat tagħhom u 39 % wieġbu li kienu qed jużaw l-internet b'mod aktar selettiv, fost prekawzjonijiet oħra. L-istħarriġ twettaq f'25 ekonomija: L-Awstralja, il-Brażil, il-Kanada, iċ-Ċina, l-Eġittu, Franza, il-Ġermanja, il-Gran Brittanja, Ħong Kong, l-Indja, l-Indoneżja, l-Italja, il-Ġappun, il-Kenja, il-Messiku, in-Niġerja, il-Pakistan, il-Polonja, ir-Russja, l-Afrika t'Isfel, ir-Repubblika tal-Korea, l-Iżvezja, it-Tuneżija, it-Turkija u l-Istati Uniti.

55 Il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa tat-28 ta' Jannar 1981 għall-Protezzjoni ta' Individwi fir-rigward tal-Ipproċessar Awtomatiku ta' *Data* Personali (ETS Nru. 108) u l-Protokoll Addizzjonali tal-2001 għall-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Individwi fir-rigward tal-Ipproċessar Awtomatiku ta' *Data* Personali, rigward l-awtoritajiet ta' superviżjoni u l-flussi ta' *data* transkonfinali (ETS Nru 181). Dan huwa l-uniku strument multilaterali vinkolanti fil-qasam tal-protezzjoni tad-*data*. L-aħħar pajjiżi biex jirratifikaw il-Konvenzjoni jinkludu l-Arġentina, il-Messiku, Cape Verde u l-Marokk.

b'kontribuzzjoni sinifikanti mill-Kummissjoni — hija sinjal ċar ieħor ta' din ix-xejra ta' konverġenza 'l fuq.

*Il-promozzjoni ta' flussi ta' data bla periklu u mingħajr ħlas permezz ta' deċiżjonijiet ta' adegwatezza u lil hinn*

Din il-konverġenza li qed tiżviluppa toffri opportunitajiet ġodda biex jiġu ffaċilitati l-flussi tad-*data*, u konsegwentement il-kummerċ kif ukoll il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet pubbliċi, filwaqt li jittejjeb il-livell ta' protezzjoni għad-*data* tal-individwi fl-UE meta tkun trasferita barra mill-pajjiż.

L-implimentazzjoni tal-istrateġija stabbilita fil-Komunikazzjoni tagħha tal-2017 dwar l-Iskambju u l-Protezzjoni tad-*Data* Personali f'Dinja Globalizzata[57], il-Kummissjoni intensifikat l-involviment tagħha ma' pajjiżi terzi u sħab internazzjonali oħra li jibnu fuq u jkomplu jiżviluppaw elementi ta' konverġenza bejn is-sistemi ta' privatezza. Din kienet tinkludi l-esplorazzjoni tal-possibbiltà li jiġu adottati sejbiet ta' adegwatezza ma' pajjiżi terzi magħżula.[58]. Din il-ħidma tat riżultati importanti, b'mod partikolari, id-dħul fis-seħħ f'Frar 2019 tal-arranġament ta' adegwatezza reċiproka bejn l-UE u l-Ġappun li ħoloq l-akbar żona fid-dinja ta' flussi ta' *data* bla ħlas u siguri. In-negozjati dwar l-adegwatezza mal-Korea t'Isfel qegħdin fi stadju avvanzat u l-ħidma esploratorja għaddejja bil-ħsieb li jitnedew taħdidiet dwar l-adegwatezza ma' diversi pajjiżi tal-Amerika Latina — bħaċ-Ċilì u l-Brażil — skont it-tlestija tal-proċessi leġiżlattivi li għaddejjin bħalissa. L-iżviluppi huma wkoll promettenti f'xi partijiet tal-Asja, bħall-Indja, l-Indoneżja u t-Tajwan, kif ukoll fil-viċinat tal-Ewropa tal-Lvant u tan-Nofsinhar, li jistgħu jiftħu l-bieb għal deċiżjonijiet ta' adegwatezza futuri.

Fl-istess ħin, il-Kummissjoni tilqa' l-fatt li pajjiżi oħra li stabbilixxew strumenti ta' trasferiment simili għall-adegwatezza tar-Regolament irrikonoxxew li l-UE kif ukoll il-pajjiżi rikonoxxuti mill-UE bħala pajjiżi "adegwati" jiżguraw il-livell meħtieġ ta' protezzjoni[59]. Dan għandu l-potenzjal li joħloq netwerk ta' pajjiżi fejn id-*data* tista' tiċċirkola liberament.

Flimkien ma' dan, għaddejja ħidma intensa ma' pajjiżi terzi oħra, bħall-Kanada, New Zealand, l-Arġentina u l-Iżrael biex tiġi żgurata l-kontinwità skont ir-Regolament dwar deċiżjonijiet ta' adegwatezza adottati abbażi tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-*Data* tal-1995. Sadanittant, it-Tarka tal-Privatezza UE-US uriet li hija għodda utli biex tiżgura flussi ta' *data* transatlantiċi bbażati fuq livell għoli ta' protezzjoni, b'aktar minn 4,700 kumpanija

---

56 Protokoll li jemenda l-Konvenzjoni għall-Protezzjoni ta' Individwi fir-rigward tal-Ipproċessar Awtomatiku ta' *Data* Personali (ETS Nru 108) kif maqbul fil-128 Sessjoni tal-Kumitat tal-Ministri f'Elsinore, id-Danimarka, 17-18 ta' Mejju 2018. It-test konsolidat tal-Konvenzjoni 108 modernizzata tinsab fuq: https://rm.coe.int/16808ade9d.

57 Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill "l-Iskambjar u l-Protezzjoni tad-*Data* Personali f'Dinja Globalizzata", COM/2017/07 final.

58 Ir-Regolament ħoloq ukoll il-possibbiltà għal sejbiet ta' adegwatezza fir-rigward ukoll ta' organizzazzjonijiet internazzjonali, bħala parti mill-isforzi tal-UE biex tiffaċilita skambji ta' data ma' entitajiet bħal dawn.

59 Dan huwa l-approċċ adottat, pereżempju, mill-Arġentina, il-Kolombja, l-Iżrael u l-Iżvizzera.

parteċipanti[60]. Ir-reviżjoni annwali tagħha tiżgura li l-funzjonament korrett tal-qafas jiġi ċċekkjat regolarment u li kwistjonijiet ġodda jistgħu jiġu indirizzati fil-ħin.

Peress li ma hemm l-ebda soluzzjoni waħda li tgħodd għal dak li għandu x'jaqsam mal-flussi tad-*data,* il-Kummissjoni qed taħdem ukoll mal-partijiet ikkonċernati u mal-Bord biex tisfrutta l-potenzjal sħiħ tas-sett ta' għodod għat-trasferimenti internazzjonali. Dan jikkonċerna strumenti bħal klawżoli kuntrattwali standard, l-iżvilupp ta' skemi ta' ċertifikazzjoni, kodiċi ta' kondotta jew arranġamenti amministrattivi għall-korpi pubbliċi. F'dak ir-rigward, il-Kummissjoni hija interessata fl-iskambju ta' esperjenza u tal-aħjar prattiki ma' sistemi oħra li setgħu żviluppaw għarfien espert speċifiku f'xi wħud minn dawn l-għodod. Il-Kummissjoni se tikkunsidra li tagħmel użu mill-għoti ta' setgħat mogħtija skont ir-Regolament fir-rigward ta' dawk l-għodod ta' trasferiment, speċjalment il-klawżoli kuntrattwali standard.

Lil hinn minn għodod purament bilaterali, jista' jkun tajjeb ukoll li jiġi esplorat jekk pajjiżi bl-istess fehma jistgħux jistabbilixxu qafas multinazzjonali f'dan il-qasam fi żmien meta l-flussi tad-*data* huma komponent dejjem aktar kruċjali ta' kummerċ, komunikazzjonijiet u interazzjonijiet soċjali. Tali strument jippermetti li d-*data* tiċċirkola liberament fost il-partijiet kontraenti, filwaqt li jiżgura l-livell meħtieġ ta' protezzjoni fuq il-bażi ta' valuri kondiviżi u sistemi konverġenti. Dan jista' jiġi żviluppat, pereżempju, fuq il-bażi tal-Konvenzjoni 108 modernizzata jew abbażi ta' ispirazzjoni mill-"flussi liberi b'*data* b'fiduċja" imnedija mill-Ġappun fil-bidu ta' din is-sena.

*L-iżvilupp ta' sinerġiji ġodda bejn l-istrumenti tal-kummerċ u tal-protezzjoni tad-data*

Filwaqt li tippromwovi l-konverġenza tal-istandards tal-protezzjoni tad-*data* fil-livell internazzjonali, il-Kummissjoni hija determinata wkoll li tindirizza l-protezzjoniżmu diġitali. Għal dak il-għan, hija żviluppat dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-flussi tad-*data* u l-protezzjoni tad-*data* fil-ftehimiet kummerċjali li hija tabbuża minnhom fin-negozjati bilaterali u multilaterali tagħha, bħat-taħditiet attwali tad-WTO dwar il-kummerċ elettroniku. Dawn id-dispożizzjonijiet orizzontali jeskludu miżuri purament protezzjonisti, bħal rekwiżiti ta' lokalizzazzjoni furzata ta' *data,* filwaqt li jippreservaw l-awtonomija regolatorja tal-partijiet biex jipproteġu d-dritt fundamentali għall-protezzjoni tad-*data*.

Billi d-djalogi dwar il-protezzjoni tad-*data* u n-negozjati kummerċjali għandhom isegwu linji separati, huma jistgħu jikkomplementaw lil xulxin: l-arranġament ta' adegwatezza reċiproka bejn l-UE u l-Ġappun huwa l-aħjar eżempju ta' tali sinerġiji, li jkompli jiffaċilita l-iskambji kummerċjali u b'dan il-mod jamplifika l-benefiċċji tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika. Fil-fatt, din it-tip ta' konverġenza, ibbażata fuq valuri komuni u standards għoljin u sostnuta minn infurzar effettiv, tipprovdi l-aktar pedament b'saħħtu għall-iskambju tad-*data* personali, xi ħaġa li qed tiġi dejjem aktar rikonoxxuta mis-sħab internazzjonali tagħna[61]. Minħabba li l-

---

[60] Dan ifisser li fl-ewwel tliet snin tal-eżistenza tagħha, it-Tarka tal-Privatezza għandha aktar kumpaniji parteċipanti li l-predeċessur tiegħu, l-Isfera ta' Sikurezza, kellu wara 13-il sena ta' operazzjoni.

[61] Kif rifless, pereżempju, fir-referenza għall-kunċett ta' "Data Free Flow with Trust" fid-Dikjarazzjoni tal-Mexxejja tal-G20 Osaka: https://www.consilium.europa.eu/media/40124/final_g20_osaka_leaders_declaration.pdf.

kumpaniji qegħdin joperaw dejjem aktar minn pajjiż għal ieħor u jippreferu japplikaw settijiet simili ta' regoli fl-operazzjonijiet tan-negozju kollha tagħhom madwar id-dinja, tali konverġenza tgħin biex jinħoloq ambjent li jwassal għal investiment dirett, li jiffaċilita l-kummerċ u jtejjeb il-fiduċja bejn is-sħab kummerċjali.

*L-iffaċilitar tal-iskambju ta' informazzjoni għall-ġlieda kontra l-kriminalità u t-terroriżmu abbażi ta' salvagwardji xierqa*

Kompatibbiltà akbar bejn is-sistemi ta' protezzjoni tad-*data* tista' wkoll tiffaċilita b'mod sinifikanti l-iskambji ta' informazzjoni tant meħtieġa bejn l-awtoritajiet regolatorji, tal-pulizija u ġudizzjarji tal-UE u dawk ġudizzjarji barranin u, b'dan il-mod, tikkontribwixxi għal kooperazzjoni aktar effettiva u rapida fl-infurzar tal-liġi[62]. Għal dak il-għan, il-Kummissjoni tqis li tagħmel użu mill-possibbiltà li tadotta deċiżjonijiet ta' adegwatezza skont id-Direttiva dwar l-Infurzar tal-Liġi tal-Protezzjoni tad-*Data* biex tapprofondixxi l-kooperazzjoni tagħha ma' msieħba ewlenin fil-ġlieda kontra l-kriminalità u t-terroriżmu. Barra minn hekk, il-"Ftehim Komprensiv"[63] bejn l-UE u l-Istati Uniti, li daħal fis-seħħ f'Frar 2017, jista' jintuża bħala mudell għal ftehimiet simili ma' msieħba oħra importanti fil-qasam tas-sigurtà.

Eżempji oħra li jindikaw l-importanza ta' standards għoljin ta' protezzjoni tad-*data* bħala bażi għal kooperazzjoni stabbli fl-infurzar tal-liġi ma' pajjiżi terzi huma t-trasferiment ta' Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR)[64], u l-iskambju ta' informazzjoni operazzjonali bejn l-Europol u sħab internazzjonali importanti. F'dan ir-rigward, bħalissa għaddejjin jew jinsabu għaddejjin negozjati dwar ftehimiet internazzjonali ma' diversi pajjiżi tal-Viċinat tan-Nofsinhar[65].

Salvagwardji b'saħħithom għall-protezzjoni tad-*data* se jkunu wkoll komponent essenzjali ta' kwalunkwe ftehim futur dwar l-aċċess transfruntier għal evidenza elettronika f'investigazzjonijiet kriminali, fuq livell bilaterali (ftehim bejn l-UE u l-Istati Uniti) jew

---

62 Ara l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, "L-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà", COM(2015) 185 final.

63 Il-Ftehim bejn l-UE u l-Istati Uniti dwar il-protezzjoni ta' *data* personali meta tiġi trasferita u pproċessata għall-fini ta' prevenzjoni, ta' investigazzjoni, ta' detezzjoni jew ta' prosekuzzjoni ta' reati kriminali, inkluż it-terroriżmu, fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u tal-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex:22016A1210(01) (the 'Umbrella Agreement'). Il-Ftehim Komprensiv jikkostitwixxi l-ewwel ftehim internazzjonali bilaterali fil-qasam tal-infurzar tal-liġi li jipprevedi katalgu komprensiv tad-drittijiet u l-obbligi tal-protezzjoni tad-*data* f'konformità mal-acquis tal-UE. Huwa eżempju ta' suċċess ta' kif il-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi ma' sieħeb internazzjonali importanti tista' tissaħħaħ billi jiġi nnegozjat sett b'saħħtu ta' salvagwardji għall-protezzjoni tad-*data*.

64 Ir-riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (SCR) 2396 tal-21 ta' Diċembru 2017 tappella lill-Istati Membri kollha tan-NU biex jiżviluppaw il-kapaċità li jiġbru, jipproċessaw u janalizzaw id-*data* tal-PNR, b'rispett sħiħ għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali. Ara wkoll il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "L-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà", COM (2015) 185 final: https://ec.europa.eu/home-affairs/sites/homeaffairs/files/e-library/documents/basic-documents/docs/eu_agenda_on_security_en.pdf.

65 https://ec.europa.eu/home-affairs/news/security-union-strengthening-europols-cooperation-third-countries-fight-terrorism-and-serious_en

f'livell multilaterali (it-Tieni Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa "Budapest" dwar iċ-Ċiberkriminalità)[66].

*Il-promozzjoni ta' kooperazzjoni bejn dawk li jinfurzaw il-protezzjoni tad-data*

Fi żmien meta kwistjonijiet ta' konformità mal-privatezza jew inċidenti ta' sigurtà jistgħu jaffettwaw għadd kbir ta' individwi simultanjament f'diversi ġurisdizzjonijiet, forom ta' kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn l-awtoritajiet superviżorji fil-livell internazzjonali jistgħu jgħinu biex jiżguraw protezzjoni aktar effettiva tad-drittijiet individwali u ambjent aktar stabbli għall-operaturi tan-negozju. F'dak l-isfond u f'kuntatt mill-qrib mal-Bord, il-Kummissjoni se taħdem fuq modi biex tiffaċilita l-kooperazzjoni fl-infurzar u l-assistenza reċiproka bejn l-UE u l-awtoritajiet superviżorji barranin, inkluż billi tuża s-setgħat ġodda pprovduti f'dan il-qasam mir-Regolament[67]. Dan jista' jkopri forom differenti ta' kooperazzjoni minn żvilupp ta' għodod interpretattivi jew prattiċi komuni[68] għall-iskambju ta' informazzjoni dwar investigazzjonijiet li jkunu għaddejjin.

Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni biħsiebha wkoll iżżid id-djalogu tagħha mal-organizzazzjonijiet u n-netwerks reġjonali, bħall-Assoċjazzjoni tan-Nazzjonijiet tax-Xlokk tal-Asja (ASEAN), l-Unjoni Afrikana, il-Forum tal-Awtoritajiet dwar il-Privatezza tal-Asja tal-Paċifiku (APPA) jew in-Netwerk Ibero-Amerikan għall-Protezzjoni tad-*Data*, li għandhom rwol dejjem aktar importanti fit-tfassil ta' standards komuni għall-protezzjoni tad-*data*, il-promozzjoni tal-iskambju tal-aħjar prattiki u t-trawwim tal-kooperazzjoni bejn l-infurzaturi. Se taħdem ukoll mal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi u mal-Organizzazzjoni tal-Kooperazzjoni Ekonomika tal-Asja u l-Paċifiku biex tinbena konverġenza lejn livell għoli ta' protezzjoni tad-*data*.

## VII. Il-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-*data* bħala parti integrali minn firxa wiesgħa ta' politiki

Il-protezzjoni tad-*data* personali hija garantita u integrata f'diversi politiki tal-Unjoni.

*Servizzi ta' telekomunikazzjoni u ta' komunikazzjoni elettronika*

Il-Kummissjoni adottat il-proposta tagħha għal Regolament dwar il-Privatezza u l-Komunikazzjoni Elettronika f'Jannar 2017[69]. Il-proposta għandha l-għan li tipproteġi l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet, kif previst fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, iżda wkoll li tipproteġi d-*data* personali li tista' tkun parti minn komunikazzjoni kif ukoll tagħmir terminali ta' utenti aħħarin.

---

66 http://europa.eu/rapid/press-release_IP-19-2891_mt.htm

67 Ara l-Artikolu 50 tar-Regolament dwar il-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam tal-protezzjoni tad-*data*. Din id-dispożizzjoni tkopri firxa wiesgħa ta' forom ta' kooperazzjoni, minn informazzjoni dwar leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-*data* għal riferiment ta' lmenti u assistenza investigattiva.

68 Bħalma huma mudelli komuni għan-notifiki ta' ksur.

69 https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52017PC0010

Ir-Regolament propost dwar il-Privatezza Elettronika jippartikolarizza u jikkumplimenta r-Regolament billi jistabbilixxi regoli speċifiċi għall-iskopijiet hawn fuq imsemmija. Hija timmodernizza r-regoli attwali tal-UE[70] dwar il-privatezza elettronika biex jirriflettu żviluppi teknoloġiċi u legali. Huwa jsaħħaħ il-privatezza tal-individwi billi jestendi l-kamp ta' applikazzjoni tar-regoli l-ġodda biex ikopri wkoll il-fornituri tas-servizzi ta' komunikazzjonijiet over-the-top, u b'hekk jinħolqu kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għas-servizzi kollha ta' komunikazzjoni elettronika. Filwaqt li l-Parlament Ewropew adotta mandat biex jiġu mnedija trilogi f'Ottubru 2017, il-Kunsill għadu ma qabilx dwar approċċ ġenerali. Il-Kummissjoni tibqa' impenjata bis-sħiħ għar-Regolament dwar il-Privatezza Elettronika u se tappoġġa lill-koleġiżlaturi fl-isforzi tagħhom biex tinkiseb adozzjoni rapida tar-Regolament propost.

*Saħħa u riċerka*

L-iffaċilitar ta' skambji ta' *data* dwar is-saħħa, li huma *data* sensittiva skont ir-Regolament, bejn l-Istati Membri qed isir dejjem aktar importanti fil-qasam tas-saħħa pubblika għal raġunijiet ta' interess ġenerali. Dawn jinkludu l-għoti ta' kura tas-saħħa jew trattament, il-protezzjoni kontra theddid transkonfinali serju għas-saħħa, u l-iżgurar ta' standards għoljin ta' kwalità u sikurezza tal-kura tas-saħħa u ta' prodotti mediċinali jew tagħmir mediku. Ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli li jiżguraw ipproċessar u skambji legali u affidabbli ta' *data* dwar is-saħħa madwar l-UE. Dawn ir-regoli japplikaw ukoll għal aċċess minn partijiet terzi għad-*data* medika tal-pazjenti, inkluż għal *data* miżmuma f'sommarji ta' pazjenti, preskrizzjonijiet elettroniċi, u fit-tul rekords elettroniċi komprensivi dwar is-saħħa, u l-użu tagħhom għal skopijiet ta' riċerka xjentifika. Fil-qasam speċifiku tal-provi kliniċi, il-Kummissjoni ħejjiet ukoll Mistoqsija speċifika u Tweġibiet dwar l-interazzjoni bejn ir-Regolament dwar il-Provi Kliniċi[71] u r-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*[72].

*Intelliġenza artifiċjali ("AI"):*

Jekk kif l-IA tikseb importanza strateġika, huwa essenzjali li jissawru regoli globali għall-iżvilupp u l-użu tagħha. Fil-promozzjoni tal-iżvilupp u l-użu tal-IA, il-Kummissjoni għażlet approċċ iċċentrat fuq il-bniedem, li jfisser li l-applikazzjonijiet tal-IA għandhom jikkonformaw mad-drittijiet fundamentali[73]. F'dan il-kuntest, ir-regoli stabbiliti fir-

---

70 Id-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-*data* personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika), ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37–47.

71 https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex%3A32014R0536

72 https://ec.europa.eu/health/sites/health/files/files/documents/qa_clinicaltrials_gdpr_en.pdf

73 Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' April 2019 dwar il-Bini tal-Fiduċja f'Intelliġenza Artifiċjali Ċentrali għall-Bniedem: https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/news/communication-building-trust-human-centric-artificial-intelligence.
Linji Gwida tal-Etika għall-IA Affidabbli ppreżentata mill-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli (HLEG) fit-8 ta' April 2019: https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/news/ethics-guidelines-trustworthy-ai. Ara wkoll ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-OECD dwar l-Intelliġenza Artifiċjali: https://legalinstruments.oecd.org/en/instruments/OECD-LEGAL-0449, il-prinċipji AI approvati bħala parti mid-Dikjarazzjoni tal-Mexxejja tal-G20 f'Osaka: https://www.g20.org/pdf/documents/en/annex_08.pdf u d-dikjarazzjoni Ministerjali tal-G20 dwar il-Kummerċ u l-Ekonomija Diġitali: https://g20trade-digital.go.jp/dl/Ministerial_Statement_on_Trade_and_Digital_Economy.pdf.

Regolament jipprovdu qafas ġenerali u jinkludu obbligi u drittijiet speċifiċi li huma partikolarment rilevanti għall-ipproċessar ta' *data* personali fl-IA. Pereżempju, ir-Regolament jinkludi d-dritt li wieħed ma jkunx soġġett għal teħid ta' deċiżjonijiet unikament awtomatizzat, ħlief f'ċerti sitwazzjonijiet[74]. Tinkludi wkoll rekwiżiti speċifiċi ta' trasparenza dwar l-użu ta' teħid ta' deċiżjonijiet awtomatizzati, jiġifieri l-obbligu li tingħata informazzjoni dwar l-eżistenza ta' tali deċiżjonijiet u li tiġi pprovduta informazzjoni sinifikanti u li jiġi spjegat is-sinifikat tagħha u l-konsegwenzi previsti tal-ipproċessar għall-individwu[75]. Dawn il-prinċipji ewlenin tar-Regolament ġew rikonoxxuti mill-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar l-IA[76], l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi[77] u l-G20[78] bħala partikolarment rilevanti biex jiġu indirizzati l-isfidi u l-opportunitajiet li jirriżultaw mill-IA. Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* identifika l-IA bħala wieħed mis-suġġetti possibbli fil-Programm ta' Ħidma tiegħu għall-2019-2020[79].

*Trasport*

L-iżvilupp ta' karozzi konnessi u bliet intelliġenti jiddependi dejjem aktar fuq l-ipproċessar u l-iskambji ta' ammonti kbar ta' *data* personali bejn diversi partijiet, inklużi karozzi, produtturi tal-karozzi, fornituri tas-servizzi telematiċi, u awtoritajiet pubbliċi inkarigati mill-infrastruttura tat-toroq. Dan l-ambjent multipartitiku jinvolvi ċerta kumplessità fir-rigward tal-allokazzjoni tar-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-atturi diversi involuti fl-ipproċessar ta' *data* personali, u dwar kif tiġi żgurata l-legalità tal-ipproċessar mill-atturi kollha. Il-konformità mar-Regolament u l-leġiżlazzjoni dwar il-Privatezza Elettronika huma essenzjali għall-implimentazzjoni b'suċċess ta' sistemi ta' trasport intelliġenti fil-modi kollha ta' trasport u l-firxa ta' għodod u servizzi diġitali li jippermettu mobbiltà akbar ta' individwi u oġġetti.[80].

*Enerġija*

L-iżvilupp ta' soluzzjonijiet diġitali fis-settur tal-enerġija qed jiddependi dejjem aktar fuq l-ipproċessar ta' *data* personali. Il-leġiżlazzjoni adottata bħala parti mill-pakkett Enerġija Nadifa għall-Ewropej kollha[81] tinkludi dispożizzjonijiet ġodda li jippermettu d-diġitalizzazzjoni tas-settur tal-elettriku u r-regoli dwar l-aċċess għad-*data*, il-ġestjoni tad-*data* u l-interoperabbiltà li jippermettu t-trattament tad-data f'ħin reali tal-konsumaturi biex jinkiseb iffrankar u jiġu inkoraġġiti l-awtoġenerazzjoni u l-parteċipazzjoni fis-suq tal-enerġija. Għalhekk, il-konformità mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data* hija ta' importanza kbira għall-implimentazzjoni b'suċċess ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

---

74 L-Artikolu 22 tar-Regolament.
75 L-Artikolu 13(2)(f) tar-Regolament.
76 https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/high-level-expert-group-artificial-intelligence
77 Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-Intelliġenza Artifiċjali: https://legalinstruments.oecd.org/en/instruments/OECD-LEGAL-0449.
78 Dikjarazzjoni Ministerjali dwar il-Kummerċ u l-Ekonomija Diġitali tal-G20: https://g20trade-digital.go.jp/dl/Ministerial_Statement_on_Trade_and_Digital_Economy.pdf.
79 https://edpb.europa.eu/sites/edpb/files/files/file1/edpb-2019-02-12plen-2.1edpb_work_program_en.pdf
80 Pereżempju billi jiġi ffaċilitat l-ippjanar u l-użu ta' diversi mezzi ta' trasport matul il-vjaġġ kollu tagħhom.
81 B'mod partikolari d-Direttiva dwar l-Elettriku: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/ALL/?uri=CELEX%3A32009L0072.

*Kompetizzjoni*

L-ipproċessar ta' *data* personali qed isir dejjem aktar element li għandu jiġi kkunsidrat fil-politika tal-kompetizzjoni[82]. Peress li l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data* huma l-uniċi awtoritajiet fdati bil-valutazzjoni ta' ksur tar-regoli tal-protezzjoni tad-*data*, l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni, tal-konsumatur u tal-protezzjoni tad-*data* jikkooperaw u se jkomplu jikkooperaw meta jkun meħtieġ fl-intersezzjoni tal-kompetenzi rispettivi tagħhom. Il-Kummissjoni se trawwem kooperazzjoni bħal din u ssegwi l-iżviluppi mill-qrib.

*Kuntest elettorali*

Fil-gwida tagħha dwar l-użu ta' *data* personali fil-kuntest elettorali[83], maħruġa f'Settembru 2018 bħala parti mill-pakkett elettorali[84], il-Kummissjoni ġibdet l-attenzjoni għar-regoli ta' importanza partikolari għall-atturi involuti fl-elezzjonijiet, inklużi kwistjonijiet relatati mal-micro-targeting tal-votanti. Din il-Gwida ġiet riflessa f'Dikjarazzjoni mill-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*[85] u għadd ta' awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data* ħarġu gwida fil-livell nazzjonali. Il-pakkett elettorali inkluda wkoll talba lil kull Stat Membru biex jistabbilixxi netwerk elettorali nazzjonali li jinvolvi l-awtoritajiet nazzjonali b'kompetenza fi kwistjonijiet elettorali u dawk responsabbli għall-monitoraġġ u l-infurzar tar-regoli, bħall-protezzjoni tad-*data*, dwar attivitajiet online rilevanti għall-elezzjonijiet. Ġew adottati wkoll miżuri ġodda biex jiġu introdotti sanzjonijiet għal ksur tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data* minn partiti politiċi u fondazzjonijiet Ewropej. Il-Kummissjoni rrakkomandat li l-Istati Membri jadottaw l-istess approċċ fil-livell nazzjonali. L-evalwazzjoni tal-elezzjonijiet tal-2019 għall-Parlament Ewropew, li għandhom jinħarġu f'Ottubru 2019, se tqis ukoll l-aspetti tal-protezzjoni tad-*data*.

*Infurzar tal-liġi*

Unjoni tas-Sigurtà effettiva u ġenwina tista' tinbena biss fuq il-konformità sħiħa mad-drittijiet fundamentali minquxa fil-Karta tal-UE u fil-leġiżlazzjoni sekondarja tal-UE, inklużi salvagwardji xierqa għall-protezzjoni tad-*data* biex ikun jista' jsir l-iskambju sigur ta' *data* personali għal finijiet ta' infurzar tal-liġi. Kwalunkwe restrizzjoni tad-dritt fundamentali għall-privatezza u l-protezzjoni tad-*data* hija soġġetta għal test strett tan-neċessità u tal-proporzjonalità.

---

82 Pereżempju, il-każ M.8788 — Apple/Shazam u l-każ M. M.8124 — Microsoft/LinkedIn.

83 https://ec.europa.eu/commission/sites/beta-political/files/soteu2018-data-protection-law-electoral-guidance-638_en.pdf

84 http://europa.eu/rapid/press-release_IP-18-5681_mt.htm

85 https://edpb.europa.eu/sites/edpb/files/files/file1/edpb-2019-03-13-statement-on-elections_en.pdf

## VIII. Konklużjoni

Abbażi tal-informazzjoni disponibbli sal-lum u d-djalogu mal-partijiet ikkonċernati, il-valutazzjoni preliminari tal-Kummissjoni hija li l-ewwel sena ta' applikazzjoni tar-Regolament kienet ġeneralment pożittiva. Madankollu, kif jidher f'din il-Komunikazzjoni, huwa meħtieġ aktar progress f'għadd ta' oqsma.

*L-implimentazzjoni u l-ikkomplementar tal-qafas legali:*

- It-tliet Stati Membri li għadhom ma aġġornawx il-liġi nazzjonali tagħhom dwar il-protezzjoni tad-*data* għandhom jagħmlu dan b'mod urġenti. L-Istati Membri kollha għandhom ilestu l-allinjament tal-leġiżlazzjoni settorjali tagħhom mar-rekwiżiti tar-Regolament.

- Il-Kummissjoni se tuża l-għodod kollha għad-dispożizzjoni tagħha, inklużi l-proċeduri ta' ksur, biex tiżgura li l-Istati Membri jikkonformaw mar-Regolament u tillimita kwalunkwe frammentazzjoni tal-qafas tal-protezzjoni tad-*data*.

*Is-sistema l-ġdida ta' governanza tagħti l-potenzjal sħiħ tagħha:*

- L-Istati Membri għandhom jallokaw riżorsi umani, finanzjarji u tekniċi suffiċjenti għall-awtoritajiet nazzjonali tal-protezzjoni tad-*data*.

- L-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data* għandhom iżidu l-kooperazzjoni tagħhom, pereżempju billi jwettqu investigazzjonijiet konġunti. L-Istati Membri għandhom jiffaċilitaw it-twettiq ta' tali investigazzjonijiet.

- Il-Bord għandu jiżviluppa aktar kultura ta' protezzjoni tad-*data* tal-UE u jagħmel użu sħiħ mill-għodod previsti fir-Regolament biex tiġi żgurata applikazzjoni armonizzata tar-regoli. Għandha tkompli l-ħidma tagħha fuq linji gwida, speċjalment għal intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.

- L-għarfien espert tas-segretarjat tal-Bord għandu jissaħħaħ biex jappoġġja u jmexxi x-xogħol tal-Bord b'mod aktar effettiv.

- Il-Kummissjoni se tkompli tappoġġa l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data* u l-Bord, b'mod partikolari billi tipparteċipa b'mod attiv fil-ħidma tal-Bord u filwaqt li tiġbed l-attenzjoni tagħha għar-rekwiżiti tal-liġi tal-UE matul l-implimentazzjoni tar-Regolament.

- Il-Kummissjoni se tappoġġa l-interazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data* u awtoritajiet oħra, b'mod partikolari mill-qasam tal-kompetizzjoni b'rispett sħiħ għall-kompetenzi rispettivi tagħhom.

*L-appoġġ u l-involviment tal-partijiet interessati:*

- Il-Bord għandu jtejjeb il-mod kif jinvolvi lill-partijiet interessati fil-ħidma tiegħu. Il-Kummissjoni se tkompli l-appoġġ finanzjarju tagħha lill-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data* biex tgħinhom jilħqu lill-partijiet ikkonċernati.

- Il-Kummissjoni se tkompli l-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni tagħha u l-ħidma tagħha mal-partijiet ikkonċernati.

*Il-promozzjoni tal-konverġenza internazzjonali:*

- Il-Kummissjoni se tkompli tintensifika d-djalogu tagħha dwar l-adegwatezza ma' sħab ewlenin li jikkwalifikaw, inkluż fil-qasam tal-infurzar tal-liġi. B'mod partikolari, għandha l-għan li tikkonkludi n-negozjati li għaddejjin mal-Korea t'Isfel fix-xhur li ġejjin. Fl-2020 se tirrapporta dwar ir-rieżami ta' 11-il deċiżjoni ta' adegwatezza adottati skont id-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-*Data*.
- Il-Kummissjoni se tkompli l-ħidma tagħha, inkluż permezz ta' skambju ta' assistenza teknika ta' informazzjoni u l-aħjar prattiki, ma' pajjiżi interessati li jadottaw liġijiet moderni dwar il-privatezza u trawwem kooperazzjoni ma' awtoritajiet superviżorji u organizzazzjonijiet reġjonali ta' pajjiżi terzi.
- Il-Kummissjoni se tinvolvi ruħha ma' organizzazzjonijiet multilaterali u reġjonali biex tippromwovi standards għoljin ta' protezzjoni tad-*data* bħala faċilitatur tal-kummerċ u faċilitatur tal-kooperazzjoni (eż. taħt l-inizjattiva "Data Free Flow with Trust" imnedija mill-Ġappun fil-kuntest tal-G20).

Ir-Regolament[86] jirrikjedi li l-Kummissjoni tirrapporta dwar l-implimentazzjoni tagħha fl-2020. Din ser tkun opportunità biex jiġi vvalutat il-progress li sar u jekk, wara sentejn ta' applikazzjoni, il-komponenti varji tar-reġim il-ġdid tal-protezzjoni tad-*data* humiex operattivi b'mod sħiħ. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni se timpenja ruħha mal-Parlament Ewropew, il-Kunsill, l-Istati Membri, il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-D*a*ta, il-partijiet ikkonċernati rilevanti u ċ-ċittadini.

[86] L-Artikolu 97 tar-Regolament.